*Labor Ante Omnia*

Triq Sannat
Ta' Sannat, SNT 9020
Għawdex, Malta

Tel: 00356 21554747
Fax: 00356 21563535
email: sannat.lc@gov.mt
http://www.sannat.gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Laqgħa Nru. 51 - 2016

Data: 21 ta' Gunju 2016

Hin: 2.50 p.m.

Post: Sala tal-laqgħat tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

---

Preżenti:

Philip Vella – *Sindku*
Frances Galea – *Viċi Sindku*
Joseph Bajada – *Kunsillier*
Maria Cassar Sultana – *Kunsilliera*
Margaret Said – *Kunsilliera*

Kasy Mercieca – *Ambaxxatur għaż-żgħażagħ (Assenti)*

Jason Curmi – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: 0

Assenti: 0

---

# AĠENDA

1. Riżultat dwar ir-Referndum – Ta' Ċenċ

## Minuti – 51 - 2016

## 1. Riżultat dwar ir-Referndum – Ta' Ċenċ

**1.1** Din il-laqgħa li kellha tibda fis-1.00 p.m. bdiet fit-2.50 p.m. peress li qabel bdiet din il-laqgħa attendew għal laqgħa l-propjetarji Ta' Ċenċ is-Sur Victor J. Borg u s-Sur Saviour Cremona li xtaqu jitkellmu mall-Kunsill. Fil-Kamra tal-laqgħat kien hemm perżenti wkoll s-Sinjura Philomena Ricards. Is-Sidien taw spjegazzjoni ta' għalxiex applikaw eżatt mall-Awtorita tal-Ippjanar. Huma ħallew kopja ta' żewġ dokumenti:
Kopja ta' Mistoqsija Parlamentari Nru 9332 dwar ART F'TA ĊENĊ u
Kopja ta' Appell mill-Qorti Nru 7/2015

Fit-2.50 p.m. is-Sidien Ta' Ċenċ u s-Sinjura Ricards ħallew il-kamra tal-laqgħat u bdiet il-laqgħa.

Is-Sindku flimkien mall-Kunsill qalu t-talba. Hu talab lill-Kunsill biex jara jekk dawn id-dokumenti li tħallew lill-Kunsill mis-Sidien Ta' Ċenċ biex jurihom lill-Avukat tal-Kunsill biex jara jekk humiex dokumenti veritieri. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu mhux f'posizzjoni li jitkellem, dan peress li għadhom kif saqsew lis-Sidien Ta' Ċenċ jekk dan is-sit hux ser jibqa aċċessibli għal pubbliku u li jekk dak li qalu jirriżulta li hu minnu, l-quddiem, il-Kunsill jista jgħamel laqgħa mar-residenti Ta' Sannat biex nispjegaw dan. Riżultat Referendum-Ta' Ċenċ

Is-Sindku qara r-riżultat tar-Referendum li sar nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju 2016, bla waqfien mis-7.00 a.m. u 7.00 p.m.
Ir-riżultat jaqra hekk:

| | |
|---|---|
| Votanti Reġistrati | 1901 |
| Voti Mixħuta | 423 |
| Voti Validi | 421 |
| Voti Invaldi | 2 |
| Voti Favur | 126 |
| Voti Kontra | 295 |

Is-Sindku qal li wara li sar l-għadd tal-voti dakinhar stess dawn id-dokumenti ġew issiġillati minnhu u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni għaliex ir-referendum sar biex il-Kunsill ikollu r-riżultat finali.

Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li l-*prons and cons* dwar dan il-proġett ma ġewx spjegati qatt lir-residenti mis-Sidien. Il-Kunsillieri preżenti semmew li dwar dan kienet saret public hearing fi Frar li għadda, fil-Kunsill stess imma kienu l-vera ftit ir-residenti minn Ta' Sannat li attendew għal dan.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jieħu dejjem il-pariri tal-esperti dwar din l-applikazzjoni filwaqt li tenna li dwar dan l-izvilupp hija l-Awtorita tal-Ippjanar li ser tieħu d-deċizzjoni finali u mhux il-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fit-3.00 p.m.

***(iffirmata)*** ***(iffirmata)***

***Philip Vella*** — *Sindku*

***Jason Curmi*** — *Segretarju Eżekuttiv*

Data: 11 ta' Lulju 2016